MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Numru. 183/2003

PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
JOSEPH GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Galea, ta’ 43 sena, iben Josaphat u Mary nee’ Zammit, imwieled Mqabba fit-18 ta’ Mejju 1959 u joqghod ‘Saluki’, Triq l-Ghammad, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita’ numru 375359(M), akkuzat talli nhar id-9 ta’ Gunju 2002 ghal habta tal-hdax ta’ filghaxija (11.00pm) minn Attard, ikkommetta serq ta’ flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, lok, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000), u dan sar ghad-detriment ta’ Fr Spiridione Cutajar u/jew persuni ohra.

U aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe’ l-flus

imsemmija aktar ‘l fuq, misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghha jew imexxiha.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ dak ta’ serq, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku kien sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz, hin, lok u l-valur.

U aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda hija inqas minn hamsin lira Maltin (Lm50), saret ghad-detriment ta’ Fr.Spiridione Cutajar u/jew persuni ohra.

Fl-ahharnett, akkuzat talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 28 t’Ottubru 1993 kif ukoll f’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 24 ta’ Marzu 1997 u 24 ta’ Marzu 1998, liema sentenzi saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-eccezzjoni preliminari tad-Difiza tal-10 ta’ Lulju 2003 li l-imputat kien dementi ai termini tal-Artiklu 33 tal-Kap 9.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Gunju 2003 permezz ta’ liema digriet gew innominati Dr Joseph Cassar, Dr David Cassar u Dr Joseph Spiteri, tlett psikjatri sabiex jaghmlu analizi psikjatriku tal-imputat.

Rat ir-relazzjoni dokument DCC, a fol 22 et seq, minnhom prezentata u mahlufa.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi d-Difiza fi stadju bikri tal-proceduri, issollevat d-Difiza tad-demenzja ai termini tal-Artiklu 33 tal-Kap9.

L-Artiklu 33 tal-Kap 9 jiddisponi hekk:

“Kull persuna tkun ezenti minn responsabbilita’ kriminali jekk filwaqt ta’ l-att jew tan-nuqqas
(a) kienet fi stat ta’ genn; jew
(b) kienet imgieghla b’forza barranija li ma setghetx tirresisti ghaliha.”

Mir-rapport psikjatriku ta’ Dr Joseph Cassar, Dr David Cassar u Dr Joseph Spiteri, jirrizulta illi l-imputat :

**“Joseph Galea kien ibati minn kundizzjoni kronika ta’ ‘Manic Depressive Disorder’. Illi minhabba dan, kien kemm-il darba marid serjament, fejn kien ta’ periklu ghalih innifsu minhabba attentati ta’ suwicidju u fejn repetutament kellu jiddahhal gewwa facilitajiet ta’ kura mentali.**

**Fiz-zmien tal-allegat reat, Joseph Galea kien qed ibati minn kundizzjoni ta’ psikozi affettiva ta’ natura ipomanija. Dan hu stat ta’ genn fit-termini tal-ligi fejn l-imputat ma kellux il-fakulta jiddistingwi bejn dak li hu tajjeb u dak li m’huwiex tajjeb, u ma kellux kontroll fuq l-imgieba tieghu.”**

Illi di piu’, jirrizulta mix-xhieda tat-tobba a fol 17 et seq, illi l-marda ta’ ‘Manic Depressive Disorder’ m’hemmx fejqan ghaliha pero’ hija kundizzjoni li tista’ tkun kemmxejn ikkontrollata bil-kura. It-tobba xehdu illi din il-kundizzjoni ilha fuq l-imputat ‘l fuq minn ghoxrin sena u jidher illi meta l-imputat kien fl-Amerka, kien ukoll iddahhal go sptar mentali.

Din il-Qorti in oltre, kellha l-opportunita' li tevalwa mill-qrib lill-imputat illi jidher anke mid-daqqa t'ghajn, illi huwa marid serjament u li jagixxi qisu m'huwiex qieghed f'dinja.

Illi rinfaccjata b'din id-dijanjosi ta' mard mentali illi affetwat lill-imputat fi zmien li huwa allegatament ikkommetta r-reat dedott kontra tieghu, din il-Qorti ma tarax alternattiva ghajr illi tilqa' l-eccezzjoni tad-Difiza, tiddikjara, ai termini tal-Artiklu 623 u 33 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-imputat fi zmien li fih allegatament ikkommetta dan ir-reat, kien ibati minn genn u ghaldaqstant huwa ezenti minn kull responsabbilita' kriminali. In oltre, tordna illi l-istess imputat jinzamm taht kustodja fl-isptar Monte Carmeli biex hemmhekk jibqa' taht kustodja mizmum skond id-dispozizzjonijiet tat-taqsima IV tal-Att dwar is-Sahha Mentali jew kull dispozizzjoni ohra ta' ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz.

Il-Qorti tordna kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------